# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Numru 10
Settembru Ottubru 1995

Dal-magażin stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA MOS

Skutella fil-Bidnija...



kuċċarun fl-Għadira...



...u Isqof fis-Simar!





Victor Falzon

*Ajkla Bajda*

LOGHBA
Vjaġġ tal-Bie
(paġ 6-7)

# editorjal



Hawn ħbieb Ħuttaf,

Meta bdejna nagħmlu "Il-Ħuttafa" u daħħalna l-paġna aħbarijiet inkwetajt ftit għax għedt: Issa sew! Jekk ma nsibux aħbarijiet fuq in-natura x'nagħmlu..?

Imma kif indunajtu, il-paġna ta' l-aħbarijiet mhux talli qed nimlewha, imma did-darba qbiżna ġo paġna 4 u kważi mlejniha wkoll! X'qed jiġri?!

Dis-sena kienet speċjali għall-istorja ta' l-għasafar f'Malta. Qatt ma nafu li daqshekk speċi ġodda jew rari bejtu fl-istess sena: il-Bagħal tal-Qasab, il-Gallozz Iswed, ir-Rożinjol, il-Monakella, il-Ħuttafa! X'jonqos? Il-pingwini? Għaliex kulħadd qiegħed f'daqqa waħda jiffolla?!

Is-sena l-oħra ħarġu l-liġijiet ġodda ta' l-għasafar. Il-liġijiet il-ġodda huma ħafna aħjar minn dawk li kien hemm qabel, għax iktar jaqbżu għall-għasafar. Jista' jkun li l-għasafar ħassewha daqshekk malajr id-differenza? Min jaf, hux!

Ħaġa oħra tajba ħafna kienet ir-riserva tas-Simar. Din qed tkun vera kalamita għall-għasafar, u tgħidx x'fiha tal-ħajja kif taraw mir-rapporti li nġibu.

Naħseb taqblu miegħi li f'din is-Sena għall-Ħarsien tan-Natura (ENCY), lill-għasafar ma stajniex tajnihom rigal isbaħ minn riserva ġdida fjamanta!

Jalla fil-futur ikollna ċans nagħtuhom aktar minn dawn ir-rigali!

**Victor Falzon**
**Editur**




## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Lokali | paġ 3-4 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq l-ARPA | paġ 5 |
| Logħba: IL-Vjaġġ tal-Bies | paġ 6-7 |
| Ittrittrittri | paġ 8 |
| Art Gallery | paġ 9 |
| Naturalment | paġ 9 |
| Gruppi Lokali | paġ 9 |
| Attività | paġ 10 |
| Avviżi | paġ 11 |
| Messaġġ | paġ 12 |
| Aktar Avviżi | paġ 12 |




Debba tax-Xitan

**Working Group Klabb Ħuttaf**
Silvana Agius, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (Ċer), Victor Falzon, Graziella Fenech

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima tal-BirdLife Malta MOS għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, talks, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll xi Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1 fis-sena.

← *Faċċata ta' Quddiem*

**Ajkla Bajda**

(*Circaetus gallicus* - Short-toed Eagle)

Taħsbu li Malta ma jiġux ajkli! Din waħda mill-ajkli li jidhru f'pajjiżna kull sena, speċjalment fil-passa tal-ħarifa. Veru li mhijiex komuni bħall-kuċċarda, imma bi ftit paċenzja u ħafna berdwoċing, dehra bħal din jirnexxilek tgawdiha, u tkun dehra li ma tinsiha qatt!!

**Pubblikazzjoni tal-BirdLife Malta MOS**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkwotat dment li jissemma' s-sors.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Settembru 1995

# aħbarijiet

## Bil-Bejta fil-Bidnija

Raymond Galea



**Bi pjaċir kbir inħabbrulkom li dis-sena bejjet f'Malta għasfur li għalina tal-Klabb Ħuttaf huwa speċjali ħafna. IVA, BEJTET IL-ĦUTTAFA!! Il-bejta tagħha bnietha f'rokna ta' maħżen fl-inħawi tal-Bidnija, raħal żgħir viċin il-Mosta. F'din il-bejta, li tkun qisha skutella tat-tajn u tat-tiben, il-par Ħuttaf rabbew familja ta' erba' frieħ, li tajru għall-bidu ta' Awwissu.**



**Il-Ħuttaf** (Swallow - ***Hirundo rustica***) **huwa għasfur tal-passa komuni ħafna, imma mhux soltu li jieqaf Malta biex ibejjet. Dan għaliex is-sajf Malti huwa niexef wisq għalih - il-ħuttaf iħobb postijiet fejn hemm l-għadajjar, fejn isib ħafna nemus x'jiekol. Barra minn hekk il-kaċċaturi Maltin joqtlu ħafna ħuttaf għal xejn b'xejn.**




**L-aħħar li nafu li bejjet il-ħuttaf f'Malta kien ġo dar fl-iMqabba fl-1974, jiġifieri 21 sena ilu.**

**Min jaf is-sena d-dieħla terġax tipprova? Jew irridu nistennew 21 sena oħra!?**



**Tard f'Awwissu xi Glalez Suwed (Moorhen) fis-Simar reġgħu kienu bil-frieħ!**

## Settembru żmien il-




Fl-1el ta' Settembru reġa' fetaħ l-istaġun tal-kaċċa, żmien li fih il-kaċċaturi jistgħu joħorġu joqtlu kemm jifilħu għasafar. Imma ma jistgħux jisparaw fuq kollox, kullimkien jew kull ħin. Per eżempju f'postijiet bħall-Buskett, jew nhar ta' Ħadd wara nofsinhar ma tistax issir kaċċa. Jekk taraw jew tisimgħu affarijiet bħal dawn, tistgħu ċċemplu (jew aħjar għidu lill-ġenituri tagħkom biex iċemplu) lill-pulizija apposta (ALE) fuq in-numru 240707 u tgħidulhom.

## Fl-Għadira ... munqar stramb!



Fis-sajf l-Għadira mhux soltu tiġbed lejha wisq berdwoċers, għax ma jkunx hemm wisq x'tara. Imma fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju tfaċċat **paletta** (Spoonbill - *Platalea leucorodia*), tajra interessanti mhux biss għax kbira u skarsa, imma għax għandha dak il-munqar qisu kuċċarun li jġieghlek tħares lejh u tibqa' skantat u mnixxef bl-istramberija tiegħu. Fil-fatt dal-munqar iservih ta' biċċa għodda stupenda biex jgħarbel u jagħżel l-ikel irqiq mill-ilma. U donnu kien jaf li qed jiġbed l-attenzjoni, għax mhux talli dam aktar minn ġimgħa fir-riserva, imma tgħidx ukoll kemm kien fidil.

# aktar aħbarijiet...

## Jinfetaħ is-Simar!

Fil-**5 ta' Settembru 1995** Dr Stanley Zammit, Segretarju Parlamentari għall-Ambjent, fetaħ Is-Simar bħala **riserva naturali**. Holma li qiegħda ssir vera! Ta' dan, Klabb Huttaf jgħid grazzi kbira lil:

- **Joe Doublet**, ex-President ta' BirdLife MOS, li ħa ħsieb it-tmexxija tal-biċċa l-kbira tax-xogħol fl-ewwel sentejn tal-proġett fis-Simar;
- **John Grech**, il-President il-ġdid, li ħa minn idejn Joe u stinka kontra ż-żmien biex tlesta ħafna xogħol;
- **il-voluntiera** kollha ta' BirdLife MOS li ħadmu u għadhom qed jaħdmu biex Is-Simar ikun suċċess;
- **is-Segretarjat għall-Ambjent**, li qed jgħin ħafna lil BirdLife MOS biex tkompli tirranġa r-riserva;
- **DOF**, il-BirdLife ta' Danmark, tat-teleskopju sabiħ li taw lil BirdLife MOS dakinhar tal-ftuħ.



Joe Sultana

## Isqfijiet Afrikani!




Minn "The Illustrated Encyclopaedia of Birds" (ed. C Perrins)

Bl-Ingliż jgħidulhom "bishops", allura bil-Malti - sa ma nsibulhom isem aħjar - ikollna nsejħulhom "isqfijiet"! Il-bishops huma għasafar li jiġu mill-għammiel tal-bejt. Malta m'għandniex minnhom imma l-Afrika hemm ħafna. Kollha għandhom xi kulur jispikka, imma żgur li l-iktar wieħed li jgħammex huwa r-Red Bishop: aħmar daqs tadama, b'maskla u fardal suwed! Minħabba l-kuluri, dawn l-għasafar imsieken popolari ħafna bħala "cage-birds". Tgħiduli allura kif jidħlu fl-aħbarijiet?

Heqq, għax **fis-Simar hemm bħalissa mill-inqas żewġ speċi ta' bishops: ir-Red Bishop żgur (dak ma tiżbaljahx - trid taraħ biex temmen l-aħmar kemm jista' jkun aħmar!), u ieħor isfar.**

Naturalment huma għasafar maħrubin minn petshop jew dar, u allura ma jgħoddux bħala speċi ġodda għal Malta. L-għaġeb huwa li issa *ilhom diġà xi tlett xhur* fir-riserva! Il-qasab huwa l-ħabitat tal-bishops: mhux għalxejn qegħdin għal qalbhom, għax qasab fis-Simar hemm kemm iridu! Naraw kemm se jdumu fostna... dawn l-isqfijiet Afrikani!!

# Mid-dinja...



## Fekruna Għarbija!



Il-Libja mhux soltu tissemma' fl-aħbarijiet ambjentali. Dan l-aħħar, però, sar magħruf li x-xatt tal-Libja, speċjalment in-naħa tal-Lvant, huwa wieħed mill-aktar postijiet importanti fil-Mediterran għall-bejtiet tal-**Fekruna Komuni** tal-baħar (Loggerhead - *Caretta caretta*). Fi żmien il-bejta, il-fekruna tfittex bajjiet ramlin imwarrbin, titla' mill-baħar, tħaffer ħofra fir-ramel u tbid fiha mal-100 bajda. Il-fkieren tal-baħar saru rari fil-Mediterran.




BBC Wildlife Magazine Sept 1995

**INKXIFT!!**

**Studjużi tal-BirdLife MOS indunaw li jien mhux fuq Filfla biss inbejjet, imma anke f'xi għerien mal-baħar f'Għawdex!**



Il-Merill No 28 (1992-94)

*Il-Kanġu ta' Filfla*

# l-ARPA



**Tiftakru meta f'Il-Ħuttafa 8 tajna ħarsa lejn sajjied, l-Għasfur ta' San Martin? Did-darba għandna sajjied ieħor taħt il-lenti tagħna - l-Arpa!**

L-arpa hija tajra tal-priża, jiġifieri ssib l-ikel tagħha billi taqbad annimali oħrajn, f'dan il-każ il-ħut. U ħut kbir ukoll, għax l-arpa hija waħda mill-ikbar tajriet li jidhru jpassu minn fuqna. Tidher fir-rebbiegħa u fil-ħarifa, u hi pjuttost skarsa. Tingħaraf faċilment għax fit-titjira u fl-għamla tal-ġwienaħ aktar qisha gawwija kbira milli tajra tal-priża.

L-arpa hija ta' interess speċjali minħabba l-ħajja unika li tgħix. Fl-Ewropa hija l-unika tajra tal-priża li taqbad il-ħut regolarment. Dan tagħmlu billi tissaqqar fuq l-ilma u tinżel b'ħeffa kbira malli tilmaħ il-priża, li tinħataf eżatt minn taħt wiċċ l-ilma. Il-binja ta' l-arpa tgħinha tagħmel dan: għajnejn li kapaċi jilmħu l-ħut mill-għoli, saqajn bla rix biex tixxarrab mill-inqas, u dwiefer twal ħafna u msannrin biex il-ħut li taqbad ma jiżloqx. Il-munqar huwa twi, milwi ganċ u b'saħħtu sew. Billi l-arpa teħtieġ il-ħut biex tgħix, x'aktarx illi ssibha dejjem viċin l-ilma. F'pajjiżna ma tbejjitx, u rari tinżel tistad. Meta tagħmel dan, ir-riserva ta' l-Għadira hija post favorit (ara Il-Ħuttafa 2, p.3). Il-gwardjan tar-riserva jgħid li qajla hemm dehra isbaħ minn arpa tielgħa mill-ilma b'xi mulett ta' pied jaqbeż f'difrejha! Barra minn Malta, fit-Tramuntana, l-arpa tbejjet maġenb għadajjar u xmajjar kbar. Tibni l-bejta minn zkuk kbar fuq il-quċċata ta' siġra għolja ħdejn l-ilma. Hemm tbid boton darba fis-sena. Minn meta tbid sa ma jtajru l-frieħ, ġeneralment jgħaddu aktar minn 3 xhur, u jkun reġa' sar iż-żmien biex ipassu lejn imkejjen aktar sħan.



Tibni bejta minn zkuk ħoxnin f'siġra għolja.

L-istorja ta' l-arpa fiha tagħlima kbira. Sa xi 10 snin ilu l-arpa kienet naqset mill-Ewropa kollha minħabba ħafna pressjoni fuq il-bejtiet u kaċċa bla rażan. Iżda l-bniedem induna li mingħajr l-arpa l-għadajjar tilfu karatteristika importanti, u bdew isiru sforzi biex il-pari li jbejtu jiżdiedu. Illum l-arpa mhux talli hija apprezzata, iżda f'pajjiżi bħal Scotland jinbnew bħal xkafef għoljin fis-siġar biex iħajru lill-arpa tbejjet. Postijiet bħal Loch Garten* saru famużi għall-arpi li jbejtu fihom, u kull sena jżuruhom eluf ta' nies biex jieħdu gost josservaw lill-arpa żżoqq il-frieħ u tgħallimhom itiru.



F'Malta s'intendi għad irridu nitgħallmu dan it-tip ta' apprezzament. Il-kaċċaturi donnhom jippreferu jaraw l-għasafar fil-vetrina, bla ħajja. Forsi għax qatt ma ndenjaw ruħhom jieqfu ftit u japprezzaw il-ħajja.

| |
|---|
| Malti: Arpa |
| Ingliż: Osprey |
| Xjentifiku: ***Pandion baliaetus*** |

**Mark Falzon**

*Xahar ilu kont jien stess Loch Garten fi Scotland, fejn tpaxxejt nara 3 arpi frieħ jitgħallmu jtiru, taħt il-ħarsa kburija tal-ġenituri tagħhom. Fil-ħajd fejn kont kien hemm ġejjin u sejrin ħafna berdwoċers u familji, fil-biċċa l-kbira Ingliżi u Skoċċiżi, kollha biex jaraw b'għajnejhom dan l-għasfur prezzjuż li għal 50 sena sħaħ kien sparixxa minn Scotland, u li bl-għaqal ta' nies ambjentalisti issa reġa' qiegħed jinfirex fil-pajjiż. (L-Editur)

I-Ħuttafa
Il-magażin tal-
LABB HUTTAF

# IL-VJAĠĠ TAL-BIES





1

2

3
Inqalgħet qatgħa tudun. Il-bies jibda l-vjaġġ b'festa. Imxi 2 passi 'l QUDDIEM.

4

5

6



7
Dħalna bi żball f'art ta' bies tal-post. Imxi malajr pass LURA qabel xi attakk mill-ajru!

8

9

10

11

12

13

14



15
Maltempata qalila. Erġa' LURA 4 passi.

16

17



18
Fl-aħħar il-bies isib irdum fejn jista' jistkenn. Kuraġġ! Imxi 3 passi 'l QUDDIEM.

21



22
Il-baħar - għadma iebsa għall-għasafar li jpassu. Erġa' LURA 6 passi u strieħ sewwa.

23

24

25



26
Ilħaqna l-art u qegħdin fuq Malta. Quddiemna l-ġonna tal-Buskett għall-mistrieħ. Imxi 2 passi 'l QUDDIEM.

45
Id-deżert - l-aħħar tappa kbira.



27



3 passi LURA.
47
43
28
50
49
48
41
42
51
29
52
Wasalna l-Afrika, u l-bies bil-ġuħ. Fil-pront jilmaħ ganga* u jinżel fuqha bħal vleġġa. Imxi 5 passi 'l QUDDIEM.
Laqtuk il-kaċċaturi! ERĠA' IBDA!
53
40
*Ganga (pin-tailed sandgrouse *Pterocles alchata*) hija għasfur ta' l-isteppa - wesgħat kbar ta' art bla siġar fejn jikber ħaxix baxx. Malta ma narawhomx dawn l-għasafar.
30
54
39
31
55
38
Quddiemu l-bies issa jara xmara sserrep. Jiftakarha missena ta' qabel. Iġri 5 passi sal-WASLA.
37
Mill-ġdid il-baħar, u l-bies ftit għajjien. Erġa' LURA 6 passi.
32
Kurrenti ta' arja sħuna jgħinu lill-bies jissaqqar għal ħin twil. B'hekk itir bla ma jaqdef u jiffranka l-enerġija. Ħaffef 4 passi 'l QUDDIEM.
56
36
57
33
35
34
58
59
60
BirdLife MALTA MOS

tritt tritt tritt tritt tritt tritt tritt tritt tritt tritt

## Il-Berdwoċing

Sur Editur,

Ftit ilu mort passiġġata lejn Binġemma. Jiena u miexi lmaħt għasfur il-ġmiel tiegħu. Wara ndunajtli kienet Daqquqa tat-Toppu (hoopoe). Ftit wara morna sal-Biżbiżija, fejn rajt għasfur kbir li kien seqer.

Kemm hu sabiħ li tarahom itiru l-għasafar, u mhux meta jkunu bbalzmati jew inkella ġo gaġġa.

Clayton Portelli
Birkirkara



Għażiż Clayton,

Prosit x'daqsxejn berdwoċing qed tagħmel, man!

Jekk toħroġ berdwoċing spiss (anke jekk mhux spiss) tkun ideja tajba jekk miegħek iġġorr nowtbuk biex tagħmel lista ta' x'tara, fejn u meta. Biż-żmien ikollok rekord sħiħ ta' xi tkun rajt matul is-sena kollha, u tibda tqabbel sena ma' oħra. B'hekk tidra f'liema żmien jitfaċċaw ċerti għasafar u jisparixxu oħrajn.

Inħeġġek tkompli f'dan il-passatemp sabiħ. Anzi jekk tħajjar xi ħabib jiġi miegħek, ikun tant aħjar għax bejnietkom taraw iktar u tieħdu pjaċir id-doppju.

L-Editur

**Bil-berdwoċing nitgħallmu dwar in-natura bla ma nagħmlulha ħsara; fl-istess ħin inkunu għall-arja friska u nħaddmu ġisimna fil-mixi. Għalhekk nieħdu gost jekk membri Ħuttaf tagħna qed tmorru berdwoċing bħal Clayton, u gost iktar jekk tibagħtu tgħiduina x'rajtu. (L-Editur)**



## Għeżież "ħuti"!

Għażiż Editur,

Nibda billi ngħidlek grazzi tal-ġurnal li bgħattli. Jiena għandi aquarium bil-ħut. Nixtieqek tgħidli jekk għandkomx xi kotba dwar il-ħut.

Jekk jogħġbok tista' tibgħatli xi ftit informazzjoni dwar x'kotba għandkom fuq il-ħut.

Grazzi ħafna.

Noel Agius
Mqabba

Għażiż Noel,

Nieħdu pjaċir li għoġbitek Il-Ħuttafa u grazzi talli ktibtilna.

Kotba dwar ħut bħalissa għandna biss:

**The Fish Around Malta** (G Lanfranco, 1993)

Naturalment dan mhuwiex ktieb dwar ħut li ssoltu jitrabba fl-akkwarju, imma dwar ħut li jgħix fis-selvaġġ fil-baħar madwar Malta.

L-Editur

### Servizz ġdid ta' Tagħrif

Spiss titolbuna tagħrif dwar xi għasfur partikolari. Aħna nippruvaw naqdukom, imma f'dawn il-paġni ma nkunux nistgħu ntawlu wisq.

Għalhekk jekk tkunu tixtiequ tagħrif *aktar dettaljat* dwar flora jew fawna Maltija, iktbu lil Robert Borg, Klabb Huttaf, BirdLife Malta MOS, POBox498, Valletta CMR 01. Ma' l-ittra ibagħtu envelope vojt bl-isem u bl-indirizz tagħkom u b'bolla tal-5c imwaħħla bil-lest, u Robert jiktbilkom lura direttament.



Xilep

**Ibagħtu l-ittri tagħkom lil**

Editur Il-Ħuttafa
Klabb Ħuttaf
Birdlife Malta MOS
POBox 498
Valletta CMR 01



## Tiftaħ!

Ir-riserva ta' l-Għadira terġa' tiftaħ għall-pubbliku fit-30 ta' Settembru. Ir-riserva tkun miftuħa Sibtijiet u Ħdud mid-9.00am sa l-4.00pm.

# ART GALLERY

Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur
Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta

Settembru huwa żmien it- tajr tal-priża. Għalhekk did-darba għibna tlieta minnhom. It-tajr tal-priża huwa l-aktar popolari fostkom l-artisti tal-Ħuttafa!

MATTHEW GRIMA (11)

Bies



NOEL AGIUS (15)

Ajkla Bajda



DANIEL ZAMMIT (13)

Bies tar-reġina



## NATURALMENT



## "Lest l-ikel, Ma?!"

Fl-antik, it-tisjir kien isir fuq nar tal-ħatab li kien jitqabbad fil-fuklar. Illum il-fuklar narawh biss f'xi mużew tal-folklor, u postu ħaduh il-kuker u l-majkrowejv. Dawn jużaw gass u elettriku biex joħolqu s-sħana li ssajjar l-ikel.

In-nar tal-ħatab kien jimla l-kċina bin-nigrufun. Il-konsum tal-gass u l-elettriku qed jimla l-atmosfera (l-arja) bi tniġġiż li qed iħarbat l-ambjent.

Mhix ħaġa diffiċli li nnaqqsu l-konsum tal-gass u l-elettriku fit-tisjir. Ngħidu aħna, l-ilma jagħli iktar malajr jekk ngħattu l-borma bl-għatu. Jekk il-borma nżommuha mikxufa naħlu ħafna enerġija sakemm l-ilma jagħli.

Il-forn ukoll jaħli ħafna enerġija. Kull meta nifthu l-bieba tal-forn, l-arja sħuna ta' ġo fih taħrab u tidħol arja kiesħa. Il-forn imbagħad ikollu juża aktar enerġija sabiex isaħħan l-arja. Għalhekk il-bieba tal-forn m'għandniex noqogħdu nifthuha għal xejn b'xejn.

Fl-aħħar nett ma għandniex inpoġġu borom żgħar fuq berners kbar għax il-biċċa l-kbira tas-sħana li jagħtu taħrab u tinħela.

**Jason Aloisio**

## GRUPPI LOKALI

- **ATTARD**
  Ko-ordinaturi: Agnes u Silvio Scicluna
  Leaders oħrajn: Isabella Borg, Grace Camilleri, Graziella Fenech, Marija Fenech, Marisa Grech
- **MOSTA**
  Ko-ordinaturi: Mark Gauci u Carmen Vella
  Leaders oħrajn: Justin Vassallo
- **NAXXAR**
  Ko-ordinatur: Mark Falzon
  Leaders oħrajn: Jason Aloisio, Anita Bezzina, Caldon Mercieca, Rosierre Mercieca, Konrad Pizzuto
- **RABAT**
  Ko-ordinaturi: Audrey u Norman Chetcuti
  Leaders oħrajn: Silvana Agius, Robert Borg.



arpa



seqer tal-hannieqa

# World Birdwatch 95

BirdLife International

Kull sena l-BirdLife International torganizza
**WORLD BIRDWATCH**
Din l-attività ssir biex
**AKTAR NIES ISIRU BERDWOĊERS**
Fil-World Birdwatch '94 ikkalkulaw li ħadu sehem
**IKTAR MINN MILJUN RUĦ**
fl-Ewropa, fl-Amerka, fl-Afrika, fl-Asja u fl-Awstralja.
**BIRDLIFE MOS UKOLL SE TIEĦU SEHEM,**
anzi dis-sena aħna tal-KlabbĦuttaf
**SE NAGĦMLU WAĦDA GĦALINA STESS!!**



buċaqq tas-silla



kuda

**Din l-attività nixtiquha tkun għall-familja kollha. Se tkun differenti mis-soltu, u se nagħmlu hekk:**

- Tiltaqgħu magħna Selmun.
- Nagħtukom mappa sempliċi li turikom minn fejn tgħaddu (għażla minn 3 mogħdijet).
- Nagħtukom ħendawt li turikom bi stampi eċċ x'għasafar hemm ċans li taraw.
- Nagħtukom karta biex ftit ftit timlew fiha x'għasafar taraw.
- Imbagħad kull grupp (familja) jagħżel mogħdija li togħġbu, u jibda miexi magħha waqt li jagħmel berdwoċing.
- L-attività ddum 3 sigħat, u għalhekk ikollkom ċans tieqfu matul il-mogħdija, anzi tistgħu tagħmlu piknik jekk tridu - l-inħawi ta' l-iMġiebaħ/Għajn Ħadid huma fost l-isbaħ li hawn Malta.
- Fl-aħħar taslu lura Selmun, biex tagħtu lil-Leaders tagħna l-lista ta' xi tkunu rajtu.
- Il-mappa u l-ħendawt ta' l-għasafar għalikom.

Data: Il-Ħadd 8 ta' Ottubru 1995
Niltaqgħu: Quddiem Torri Selmun (Mellieħa)
Ħin: Il-Leaders se jkunu fil-post mid-9am sa nofsinhar - ejjew x'ħin tridu, imma iktar ma tiġu kmieni, iktar ikollkom ċans timxu u taraw għasafar.
Ġibu magħkom (jekk għandkom): Tromba, gwida għat-tajr u biex tiktbu. U bħas-soltu x'tixorbu eċċ.






IMPORTANTI li jiġi xi ħadd kbir magħkom. Did-darba l-Leaders MHUX se jkunu mal-gruppi.

IMPORTANTI wkoll li jekk għandkom tromba u gwida għat-tajr iġġibuhom magħkom, għax jgħinukom ħafna. Anzi tromba hija kważi essenzjali!

BirdLife MOS se tieħu sehem fil-World Birdwatch f'dawn id-dati, u l-membri kollha mistednin.
<u>Is-Sibt 7 ta' Ottubru</u>
fir-riserva ta' l-Għadira (9am sa nofsinhar)
<u>Il-Ħadd 8 ta' Ottubru</u>
fir-riserva tas-Simar (9am sa nofsinhar)



# 100 speċi ta' għasafar!



Trid tarahom? Is-sena d-dieħla hemm ċans tajjeb li jitla' grupp minn Klabb Ħuttaf għal Birdwatching Holiday ġewwa England. Għad m'għandniex ħafna dettalji, ħlief li:

- **inkunu xi 13-il ruħ**
- **nitilgħu f'xi Lulju jew Awwissu 1996**
- **indumu xi 10 ijiem**
- **mal-grupp jitilgħu xi 3 Leaders**
- **prezz (inkluż l-ajru, ikel, trasport, irqad eċċ) bejn Lm250 u Lm300**
- **inżuru salt riservi naturali t'hemmhekk**
- **naraw mill-inqas 100 speċi ta' għasafar!**

Biex din l-attività ssir, irridu nkunu nafu hemmx 10 membri Ħuttaf li tinteressahom vaganza bħal din! Għalhekk jekk *inti* li qed taqra dan:

- **għandek bejn 12 u 14-il sena**
- **tifhem bl-Ingliż u titkellmu**
- **inti verament interessat fin-natura**
- **il-ġenituri tiegħek iħalluk**
- **taf iġġib ruħek sew**

allura imla din il-formola u ibgħathielna *mhux aktar tard mill-31 Ottubru 1995.*

**Kollox jiddependi mir-rispons tagħkom!**

## Tinteressani mmens!!!

**Il-Birdwatching Holiday ġewwa England tinteressani mmens u l-ġenituri tiegħi ma jsibux oġġezzjoni biex jibagħtuni.**

Isem: ____________________

Indirizz: ____________________

____________________

PostCode: ____________________



Età: __________ Telefon: __________

Firma tal-ġenitur:

____________________

Ibgħat dil-formola lil:
BirdWatching Holiday 96
Klabb Ħuttaf - BirdLife Malta MOS
POBox498 Valletta CMR 01

## "Il-Passa ta' l-Għasafar"




Ktieb bil-kulur li jispjega l-miraklu tal-passa.

# Għalik b'xejn

jekk iddaħħal membru ġdid fil-Klabb Ħuttaf!

Imla dil-formola u ibgħatha lil
**Daħħal Membru Ġdid Klabb Ħuttaf**
**BirdLife Malta MOS**
**POBox498 Valletta CMR01**

## IRNEXXIELI

Dettalji tal-membru l-ġdid

**Isem:** ____________________

**Indirizz:** ____________________

____________________

____________________

**Tel:** __________ **Data tat-twelid:** __________

Dettalji tiegħi

**Isem:** ____________________

**Membership number:** [ ]

Ma' dil-formola għandek issib ċekk/postal order/bolli mhux użati b'valur ta' Lm1.

Jekk ma tridx tgħarraq il-magażin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha

Victor Falzon



Min jgħid li hekk sabiħ
Bilfors telaq minn sensih!
Min jgħid li hekk suppost
Ara veru wiċċu tost!

## tba u Pjanti u Kotba u Pjanti u Ko

**ĦA NAGĦMLU SALE** • Irridu neħilsu minn salt affarijiet • Fil-biċċa l-kbira kotba • Kotba ġodda • Kotba second-hand • Kotba dwar in-natura • Kollox bl-irħis • Pitazzi bir-rimi • Stikers • Pjanti kważi b'xejn (minn garden shop trid il-belli liri!) • Ejjew gerfxu, u tħallux ġenituri d-dar!!! • Kollox open air! • Fid-daħla tar-riserva ta' l-Għadira • Nhar il-Ħadd 8 ta' Ottubru •Mid-9.00am 'l quddiem • Kif tkunu hemm ħudu sehem fil-World Birdwatch 95 • **KOLLOX IRID JITLAQ**





LOGĦBA KLABB ĦUTTAF

## Il-Vjaġġ tal-Bies

F'dil-ħarġa ssibu logħba ħelwa jisimha **Il-Vjaġġ tal-Bies**. Hija logħba forma ta' tellieqa ħafifa li jistgħu jilagħbuha tnejn jew iktar. Għandkom bżonn biss damma u pedini. U waqt li tieħdu gost tilagħbuha, tgħallimkom dwar il-passa tal-bies u l-problemi li jsib fil-vjaġġ tiegħu mill-Ewropa għall-Afrika